A.L. 57 ta' l-1989

ATT TA' L-1967 DWAR IL-LUKANDI U L-ISTABBILIMENTI LI JIPPROVDU IKEL (ATT NRU. XII TA' L-1967)

Regolamenti ta'l-1989 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Lukandi u l-Istabbilimenti li Jipprovdu Ikel

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 15 ta' l-Att ta' l-1967 dwar il-Lukandi u l-Istabbilimenti li Jipprovdu Ikel, il-Ministru għall-Iżvilupp Terzjarju, bi ftehim mal-Ministru tal-Finanzi, għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1989 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Lukandi u l-Istabbilimenti li Jipprovdu Ikel, u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1972 dwar il-Lukandi u l-Istabbilimenti li Jipprovdu Ikel, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 67 ta' l-1972.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li sejrin jibdew iseħħu fl-1 ta' Jannar, 1990.

Jemenda is-Sitt Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

2. Minflok it-Taqsima II tas-Sitt Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tidħol din li ġejja:

"Taqsima II — Kumplessi għall-Btala/Villaġġi Turistiċi/*Aparthotels* (inkluż dawk b'*Self-Catering Units*)

DRITT GĦAL	KLASSI			
	L-EWWEL	IT-TIENI	IT-TIELET	IR-RABA'
	Lm	Lm	Lm	Lm
A. Ċertifikat ta' Klassifika (ħlas ta' darba) . . .	35	30	25	20
B. Liċenza —				
(i) Rata fis-sena kull kamra tas-sodda minbarra kmamar tas-sodda f'*self-catering units* li jagħmlu parti minn Kumpless/Villaġġ Turistiku/ *Aparthotel*	5.00	4.50	4.00	3.50
(ii) Rata fis-sena għal kull *self-catering unit* li jagħmel parti minn Kumpless/Villaġġ Turistiku/ *Aparthotel*				
(a) b'2 sodod	15	13	11	10
(b) bi 3 sodod	20	17	14	12
(ċ) b'4 sodod	25	21	17	15
(d) b'5 sodod	30	25	20	18
(e) b'6 sodod	35	29	23	21
(f) b'7 sodod	40	33	26	24
(g) bi 8 sodod	45	37	29	27
(iii) L-inqas dritt li jitħallas fis-sena	350	300	150	150
Ċ. Trasferiment ta' Liċenza	25	25	20	20".